**107. L-Onor. Charles Buhagiar jipproponi:**

Din il-Kamra:

TAGĦRAF kif matul ix-xhur tas-Sajf aggravat bil-kbir il-problema tal-Ilma b'mod li ħafna nħawi f'Malta u Għawdex sofrew għal perjodi twal u ripetutament minn qtugħ tal-provvista tal-ilma, li kkaġuna inkonvenjenti u tbagħtija għal eluf u eluf ta' familji;

TINNOTA li dan il-qtugħ ġara wara snin li fihom is-Segretarju Parlamentari Ninu Zammi kien responsabbli għall-infiq ta' miljuni kbar ta' liri f'investiment minn flus il-poplu maħsub suppost biex iwettaq il-wegħda tal-Partit Nazzjonalista ħalli ċ-ċittadin isib l-ilma fil-vit;

TIFHEM li l-Onor. Ninu Zammit mhux biss falla fil-ħidma tiegħu bħalha Segretarju Parlamentari responsabbli mill-provvista tal-ilma, imma wkoll ħalla li jiżdied it-telf ta' ilma mis-sistema b'mod li żdied bil-kbir l-ispiża fuq il-provviżjoni ta' ilma li mhuwiex jilħaq lill-konsumatur.

TINNOTA li fost l-ispjegi li ta l-Onor. Ninu Zammit tal-fallimenti tiegħu fil-qasam tal-ilma kien hemm dik li l-ħtija hi tal-Poplu li qed jaħli wisq u qed iħallas ftit tal-ilma li qed jiġu provdut bih:

TQIS ukoll li bħal fil-qasam tal-ilma, matul is-Sajf, żdied bil-kbir u ma' Malta u Għawdex kollu qtugħ ripetut fis-servizz tad-dawl mingħajr ma l-Poplu ingħata spjega ċara għaliex dan baqa' jiġri, u wara snin sħaħ li matulhom il-Gvern mhux ħlief jiftaħar kemm qed jonfoq miljuni ta' liri fuq il-ġenerazzjoni tal-elettriku, qasam li jaqa' wkoll direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Onor. Ninu Zammit ;

TFAKKAR fil-każi ta' amministrazzjoni suspettuża li qamu fl-aħħar xhur fis-settur taħt ir-responsabbiltà tal-Onor. Ninu Zammit;

a. Il-każ tal-ħames mitt lira mogħtija bħalha rigal lill-Onor Ninu Zammit dwar permessi għal stazzjon tal-petrol, liema għotja baqgħet ma ġietx irraportata mill-Onor. Ninu Zammit:
b. Il-każ fejn l-Onor. Ninu Zammit deher li hu responsabbli għal tbagħbis f'eżamijiet interni tal-Enemalta ;
c. Il-każ fejn allegat xufier tal-Onor. Zammit kien Direttur ta' kumpanija li qed tingħata xogħol biex tipprovdi ilma lill-konsumatur bil-bowsers tagħha;
d. Il-każ fejn l-ex Chairman tal-Enemalta rriżenja mill-kariga tiegħu minħabba l-indħil mis-Segretarju Parlamentari;
e. Il-każ fejn inqalgħu irregolaritajiet fix-xiri tal-Cable 132 KVA tal-Enemalta;
f. Il-mod xekn trasparenti fejn it-tenders ħarġu għall-estensjoni tal-impjant tar-reverse osmosis ta' Pembrok, meta kien diġà ġie deċiż lil min se jingħata l-kuntratt.

Għaldaqstant, din il-Kamra TIKKUNDANNA l-ħidma tal-Onor. Ninu Zammit għax qed twassal għal tberbieq skandaluż ta' flus il-poplu u għax qed tagħti lok sħiħ għal akkużi fondati ta' korruzzjoni.

TIDDIKJARA li ma għandha l-ebda fiduċja fl-Onor. Ninu Zammit; u

TESIĠI r-riżenja immedjata tal-Onor. Ninu Zammit minn Segretarju Parlamentari u mill-Parlament.

27.09.1993